FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 36**

**Avviz. numru 767/02JR**

**Ray Demicoli ta' Demicoli & Associates**

**vs**

**Raymond Mercieca bhala mandatarju specjali ta' Maxim Orekhon, assenti minn dawn il-gzejjer u b'digriet tas-26 t'April, 2002, gie ordnat li isem il-konvenut jitnizzel bhala Orekhov minflok Orekhon.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-atturi fit-2 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1200.00), rappresentanti bilanc dovut ta' prezz ta' servizz ta' "interior design" u servizzi ohra relatati pprovduti mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut, f'Penthouse, Block 11, Portomaso, St. Julians;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li deher l-mandatarju tal-konvenut li kkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda tal-Perit Ray Demicoli u ta' Raymond Mercieca. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi l-attur qed jitlob is-somma ta' elf u mitejn lira Maltija ghall-servizzi li ta fuq inkarigu tal-konvenut.**
2. **In sostenn ta' dak li qed jitlob l-attur esebixxa dokumenti li jirrigwardaw il-"commissioning for interior design". Il-ftehim relattiv kien datat 26 ta' Jannar, 2001.**
3. **Il-Perit kien lesta l-pjanti li gew konsenjati lill-konvenut. Meta sar dan, il-konvenut infurmah li kien ser iqabbad lill-haddiehor. Ghalhekk l-attur hareg l-invoice relattiv sa l-istadju li kien wasal fih.**
4. **Raymond Mercieca jghid li wara l-ewwel laqgha l-klijent kien rega' bdielu li jqabbad lill-Perit Demicoli, u l-Perit hareg l-invoice sa Stage D, kif indikat fid-dokument esebit, u l-konvenut kien hallsu sitt elef u sitt mitt lira maltija (Lm6,600.00) pero` baqa' ma hallasx l-elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200.00).**
5. **Ghalhekk jidher li filwaqt li l-attur kien ghamel il-pjanti u kkunsenjahom, il-konvenut unilateralment ittermina l-ftehim. Il-bilanc ghalhekk jirrizulta li ghadu dovut lill-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba atttrici u jikkundanna lill-konvenut fil-kwalita` tieghu premessa jhallas lill-attur l-ammont ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1200.00), bl-imghaxijiet legali mit-2 t'April, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**